# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar 2019

**Rikors Numru : 448/2018 JPG**

**Kawza Numru : 13**

**DD**

**Vs**

**SD**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DD, datat 4 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti u l-intimat kienu zzewgu fid-29 ta' Ottubru tal-1994, ara certifikat taz-zwieg Numru 2065/1994, fil-Knisja parrokjali tal-Birgu.*

*Illi l-esponenti kienet sseparat minn ma zewgha SD fl-4 ta' April 2014, permezz ta' Att Pubbliku tan-Nutar Dr.Nicholas Vella tal-istess data.*

*Illi ghalhekk huma ilhom hekk separati ghal aktar minn erba' snin.*

*Illi binthom illum hija maggorenni u l-ebda manteniment huwa lilha dovut.*

*Illi hekk ukoll ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-partijiet peress li dawn kienu lliberaw lill-xulxin mill-obbligu tal-manteniment fl-istess Att ta' Separazzjoni.*

*Illi llum ma tezisti l-ebda possibilta ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi l-esponenti tiehu l-opportunita biex titlob li zzomm kunjoma ta' mizzewga u zzid mieghu dak ta' xebba ossija S.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qed titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha xxolji dan iz-zwieg bejn il-partijiet billi tiddikjara d-divorzju tar-rikorrenti mil-intimat u tawtorizza lir-rikorrenti zzid dak taz-zwieg, kunjomha ta' xebba, ossija S, fil-waqt li tordna lir-Registratur tal-Qorti javza lir-Registratur tar-Registru Pubbliku b'dan id-divorzju tal-partijiet hekk kif is-sentenza ta' din il-Qorti ssir Res Gudicata.*

Rat ir-risposta ta' SD, datata 28 ta' Novembru, 2018, a fol 16 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet fil-kawza de quo ilhom separati de jure ghal-aktar minn erba' snin;*

*Illi l-esponenti jikkonferma illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet;*

*Illi l-esponenti jikkonferma li ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw;*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jaqbel mat-talbiet tal-attrici kif dedotti fir-rikors promotur, dment li kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dina l-procedura.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat:**

**DD** xehdet a fol 18 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Ottubru 1994 (Vide Dok A fol 3 u kienu ottjenew is-separazzjoni legali fl-4 ta' April 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswalment (Dok B a fol 4 et seqq.). Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda li llum il-gurnata hija maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Jannar, 2019 li permezz tieghu l-Qorti ddikjarat maghluqa l-provi tal-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*
*[...]*

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 t'April 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolas Vella, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u wkoll tawtorizza lil DD sabiex izzid kunjom xbubita u cioe S ma' kunjomha mizzewga, sabiex kunjomha jigi D S, u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**